MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 644/1998/1

**Domenico Savio sive Savio Spiteri**

**v.**

**Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar**
**u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

## IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' April 2003, li biha gew michuda t-talbiet kollha li r-rikorrent (issa appellant) Domenico Savio sive Savio Spiteri ghamel in konnessjoni ma' l-allegazzjoni li ghamel fil-konfront ta' l-intimati (issa appellati) u cioe` li dawn kienu hatja ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem indikati minnu.

2. Is-sentenza ta' l-ewwel Qorti sejra tigi riprodotta kollha kemm hi peress li fiha huma migjuba t-talbiet kollha tar-rikorrenti, il-kontestazzjoni ta' l-intimati, id-dispozizzjonijiet tal-ligijiet applikabbli ghall-kaz, sunt komprensiv tal-fatti l-aktar saljenti tal-kaz, kif ukoll ir-ragunijiet kollha li a bazi taghhom l-ewwel Qorti deherilha li kellha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti. Is-sentenza tghid hekk:

"**<u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors ippresentat minn Domenico Savio sive Savio Spiteri fl-1 ta' April, 1998 li jghid hekk:

**Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ordnat it-tnehhija ta' xoghol ta' bini minghajr permess minkejja l-pendenzi ta' proceduri kriminali kontra l-esponent li kien ukoll appella minn Avviz ta' Twettiq, liema ordni giet ezegwita bl-ghajnuna ta' haddiema mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u tal-membri tal-Forzi Armati u tal-Korp tal-Pulizija u b'hekk ipprivaw lill-esponent id-dritt tas-smiegh quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti.**

**Illi inoltre bl-agir abbuziv u llegali taghhom l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, tad-Dipartiment tax-Xogholijiet, il-Forzi Armati ta' Malta u l-Korp tal-Pulizija minghajr ma stennew l-ezitu tal-kawzi u proceduri relattivi u billi ezegwew din it-tnehhija b'abbuz tal-poteri moghtija mill-ligi, bl-aktar mod mghaggel u distruttiv, minghajr ebda arti jew sengha u b'negligenza grossolana kkagunaw hsarat estensivi u periklu serju fil-bini ezistenzi mikri lill-esponent li b'hekk gie pprivat ukoll mill-possibbilita` li jaqla' l-ghixien tieghu skond il-ligi.**

**Illi l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar imxiet b’mod diskriminatorju kontra l-esponenti minhabba l-fehmiet politici tieghu u dana kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 32 u 45(1) tal-Kostituzzjoni.**

**Illi minbarra dan l-esponenti gie assoggettat ghal trattament inuman jew degradanti bi ksur tal-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni.**

**Illi bhala rizultat in-negozju tal-esponent ilu wieqaf tlett snin u l-Bank sahansitra talab il-bejgh bis-Subbasta tal-proprjeta` tal-esponenti bi proceduri tas-Subbasta Numru 2/1998 liema mobbli gew maqbuda in forza tal-Mandat ta’ Qbid Ezekuttiv Numru 302/97.**

**Illi bl-agir tal-intimati u bil-hsarat estensivi kkagunati minnhom fil-proprjeta` tieghu, l-esponenti gie ddeprivat mit-tgawdija tal-proprjeta` tieghu billi sahansitra tilef il-mezz li jikseb l-ghixien tieghu u dana bi ksur tad-Drittijiet u Libertajiet fundamentali kif garantiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem.**

**Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimati bl-agir taghhom kisru l-Artikoli 32(a), 36(1), 37 u 45(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 3 u 14 ta’ l-ewwel Skeda kif ukoll l-Artikolu 1 tal-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettieq ta Artikoli fuq imsemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap 319) u taghti dawk il-provedimenti u r-rimedji necessarji u opportuni.**

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali (fol. 11) tal-15 ta’ April, 1998 li li tghid hekk:

**Illi r-rikors promotur huwa ghal kollox inutili, intempestiv u frivolu ghar-ragunjiet segwenti:**

**1. L-ewwelnett kwantu dirett kontra l-esponent in rappresentanza tal-Gvern ir-rikors imkien ma jispecifika liema addebiti qed jigu attribwiti lill-esponent u dan partikolarment in vista tal-fatt illi r-rikorrent jidher li m'huwiex qieghed jattakka l-validita ta' xi ligi izda qieghed biss jilmenta minn agir legittimu ta' l-awtoritajiet kompetenti.**

**2. Ir-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mid-diversi mezzi ta' rimedju provduti mill-Att 1 ta' l-1992 u senjament naqas li:**

**3. (a) japplika ghall-permess tal-bini meta rcieva l-'enforcement notice' biex b'hekk din kienet tibqa' pendenti sakemm l-applikazzjoni tigi kunsidrata mill-istadji kollha previsti minn dik il-ligi;**

**(b) naqas li jappella fit-terminu lill-Bord ta' Appelli ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u meta dan ta' l-ahhar iddecieda li l-appell kien *fuori termine* (b'perjodu sostanzjali) naqas li jappella lill-Qorti ta' l-Appell.**

**Ir-rikorrent ghalhekk kellu kull opportunita` ampja li jadixxi lill-Qrati u li jkollu smiegh xieraq dwar il-kaz tieghu.**

**Huwa izda l-ewwel ghazel li jkompli jtella' bini illegali non ostante 'stop notice' mill-Awtorita u wara naqas li juza r-rimedji li taghtih il-ligi.**

**Illi ghaldaqstant l-esponent jissottometti illi dina l-Qorti ghandha tideklina milli tiehu konjizzjoni ta' l-azzjoni fit-termini ta' l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 4 tal-Kap 319.**

**2. [1]Ir-rikorrent ghandu kawzi ohra pendenti dwar l-incident tat-twaqqiegh ta' bini imsemmi fir-rikors promotur u dawn huma, mill-inqas, (a) kawza fejn qed jitlob dikjarazzjoni ta' nullita` ta' l-**

[1]Dana l-paragrafu kellu, presumibbilment, ikun enumerat bin-numru 3, izda qieghed jigi riprodott bl-istess enumerazzjoni kif migjub fl-atti; l-istess jinghad ghall-paragrafi 3, 4, u 5 li ghalhekk kellhom ikunu 4, 5 u 6.

**‘enforcement notice’ u (b) kawza fejn qieghed iharrek lill-Gvern ghad-danni. L-ezistenza ta’ dawn il-kawzi tikkontradixxi l-bazi ta’ dan ir-rikors.**

**3. Illi l-fatti ta’ dan il-kaz ma jqajjmu ebda kwistjoni dwar trattament inuman u degradanti jew dwar diskriminazzjoni politika kif allegat, bla spjegazzjoni, fir-rikors.**

**4. Illi l-vessatorjeta` tar-rikors tohrog ukoll mill-fatt illi r-rikorrent jiccita l-Artikolu 32 tal-Kostituzzjoni meta dan m’huwiex enforzabbli skond id-disposizzjoni ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni.**

**5. Illi l-esponent jixtieq jigbed l-attenzjoni tal-Qorti li kontestwalment mar-rikors in risposta r-rikorrent ipprezenta ukoll rikors iehor fl-istess ismijiet dwar meritu kwazi identiku (Rik. Nru 645/98 GCD appuntat ghas-smiegh ghas-17 ta’ April 1998) u l-esponent jidhirlu li peress illi dawn il-kawzi huma konnessi ghandhom jinstemghu kontestwalment.**

**Ghaldaqstant l-esponent jopponi l-akkoljament tat-talbiet tar-rikorrent.**

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, ukoll tal-15 ta’ April, 1998 (fol. 13) li permezz taghha l-imsemmi Awtorita` wiegbet hekk:

**Illi preliminarjament l-istess rikorrent ma ezawriex il-mezzi ghad disposizzjoni tieghu u cioe`:**

**1. Wara li appella mill-avviz biex tieqaf u ta’ twettieq quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar u l-istess Bord presedut minn Dr Kevin Aquilina cahad l-istess appell stante li dan minflok appella fi zmien 15-il-gurnata minn notifika ta’ l-avviz halla t-terminu jiskadi abbondantement. Illi minn tali decizjoni dwar punt ta’ ligi, l-istess appellant iddecieda li ma jappellax quddiem il-Qorti ta’ l-Appell;**

**2. Illi oltre dan, l-istess rikorrent naqas fi zmien 21 gurnata mid-data ta' l-avviz ta' twettieq japplika biex jittenta jissana l-izvilupp bla permess li kellu f'liema kaz l-ezekuzzjoni tigi sospiza sakemm ikun hemm decizjoni finali fuq l-istess permess;**

**3. Illi oltre dan, l-istess ricentement applika biex jibni struttura simili ghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar;**

**4. Illi l-istess rikorrent fetah diversi kawzi kemm Malta kif ukoll Ghawdex u dan ferm wara l-esekuzzjoni li saret mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar u dana biex jattakka l-istess avviz ta' twettieq u biex ifittex lill-istess Awtorita`, pulizija, dipartiment tax-xogholijiet, u forzi armati allegati danni sofferti minnu. Hekk kien hemm citazz 103/95PC fil-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex, citaz. 676/95NA, citazz. 1219/95NA. Minn dawn giet deciza u michuda sa issa ic-citazz. 1219/95NA fid-29 ta' Mejju, 1997;**

**5. Gie intavolat ukoll rikors kostituzzjonali numru 645/98/GCD li gie notifikat lill-Awtorita` gurnata qabel dan ir-rikors u [l-kawza] hi appuntata ghas-smiegh ghas-17 ta' April, 1998.**

**Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni ta' l-istess rikors ghab-bazi ta' l-artiklu 42(2) tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imhallef Said Pullicino fis-27 ta' Lulju 1995 fid-decizjoni fl-ismijiet Paul McKay versus l-Awtorita` ta' l-Ippjanar (fejn l-istess Qorti ghamlet referenza ghal decizjonijiet ohrajn) iddecidiet illi jekk wiehed ma ttentax kif jiddisponi l-istess artiklu 42(2) il-mezzi xierqa ta' rimedju li ghandu jew li kienu disponibbli ghalih dak iz-zmien, il-Qorti mhiex ser tezercita s-setghat taghha kostituzzjonali. Fil-fatt fid-decizjoni fil-Qorti ta' l-Appell Lawrence Cuschieri versus Prim Ministru deciza fis-6 ta' April 1995 (sede kostituzzjonali) ikkonfermat illi jekk oggettivament ir-rikorrent ma utilizzax ir-rimedji ghad-disposizzjooni tieghu, id-diskrezzjoni tal-Qorti taht l-artiklu 42(2) tal-**

**Kostituzzjoni tieqaf hemm u ma tistax tkompli tisma' l-lanjanza tar-rikorrent.**

**Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-istess rikors sar vessatorjament u inutilment stante li fl-ewwel lok meta sar it-twaqqiegh ta' l-istruttura illegali, din saret ghab-bazi ta' l-artiklu 52(5) u 53 ta' l-Att I ta' l-1992 fejn l-istess rikorrent kellu avviz biex tieqaf u ripetutament kiser l-istess avviz billi finalment ikkompleta l-istess struttura illegali. L-istess twaqqiegh sar qabel ma l-istess Bord ta' l-Appell gie notifikat bl-appell mill-avviz (li kien wara rrizulta mill-istess Bord ta' l-Appell li kien sar abbundatament fuori termini (vide dok. TDA – kopja tas-sentenza tal-Bord);**

**Illi oltre dan kif jirrizulta mill-istess proceduri quddiem il-Qrati li saru dak iz-zmien, b'permezz ta' mandat nru. 454/1995 immarkat dok. TDA, l-istess rikorrent kien talab l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess intimat biex jinibiegh milli jaqilghu concrete platform;**

**Illi ghal dan il-mandat kienet saret risposta mill-esponent (mmarkata Dok. TDB) fejn intalab li ma tintlaqax l-istess talba;**

**Illi saret ukoll nota ta' osservazzjonijiet dwar l-istess mandat mir-rikorrent (Dok. TDC) u nota responsiva ta' l-Awtorita` fejn intwera ukoll li fil-pendenza tal-mandat sar appell quddiem il-Bord ta' l-Appell (nonostante fuori termine) dwar l-Ippjanar (Dok. TDD) u ghaldaqstant fir-risposta nota *(sic!)* responsiva ta' l-Awtorita` Dok. TDE, nonostante li l-appell kien fuori termine, l-Awtorita` kienet ser tistenna l-ezitu ta' tali appell qabel ma tkompli bit-twettieq ta' l-avviz vis-a-vis il-platform;**

**Fis-seduta sar verbal mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar fis-sens li twettieq mhux ser isir sakemm tigi determinata l-appell finalment ( u cjoe` anki wara appell lill-Qorti ta' l-Appell) jew wara kawza ntavolata ghab-bazi ta' l-artiklu 55. Stante li kien hemm ukoll**

**pendenti appell kriminali, li ma kienetx inizjata b'Letter to Prosecute ta' l-Awtorita`, pero` minhabba uzu tal-post minghajr il-permessi tal-pulizija, Antonello Grech ghall-Kummissarju tal-Pulizija ddikjara li mhux ser jesegwixxi qabel ma jkun hemm decizjoni finali ta' l-appell kriminali minn-naha tal-pulizija (Dok. TDF). Il-Qorti cahdet il-mandat (Dok. TDG) izda ezatt wara d-digriet ir-rikorrent ghamel rikors identiku mandat numru 532/95 fil-Qorti ta' Ghawdex. Illi dan l-istess mandat gie michud ukoll u ezatt wara sar t-tielet mandat (532/95) fotokopja ta' l-ewwel wiehed, liema mandat rega' gie ukoll michud. Wara dan it-tielet mandat, inhareg mandat iehor simili 1731/95 din id-darba Malta u dan gie michud fid-29 ta' Awissu, 1995. Illi l-istess Awtorita` sa llum fil-fatt ghadha ma nehhietx il-platform tal-konkos stante li kien ghad hemm appell kriminali pendenti.**

**Fil-fatt l-istess akkuza tal-pulizija fil-kaz kriminali kopja hawn annessa mmarkata (Dok. TDH) kienet tirrelata mhux fuq il-canopy li twaqqghet izda biss fuq il-platform tal-konkos minghajr permess ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tal-pulizija u ghar-rigward ta' hanut minghajr permess u mhux fuq proceduri kriminali talli hemm canopy minghajr permess.**

**Illi l-ezekuzzjoni li saret tal-canopy ta' fuq l-istess platform li kienet kompletament illegali saret wara li gew ezawriti l-proceduri regolari.**

**Illi l-istess twaqqiegh sar regolarment kif fil-fatt qed jigi ppruvat fil-kawzi fuq citati li ghadhom sa llum pendenti.**

**Illi l-istess Awtorita` agixxiet kif fil-fatt agixxiet f'kazijiet simili meta persuni jircievu avviz ta' twettieq u biex jieqfu immedjatament u minflok ikomplu jiksru l-istess avviz billi jkomplu ghaddejjin bil-bini abbuzivament kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**

**Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar la taf x'inhuma l-fehmiet politici tar-rikorrent u lanqas ma ghandha l-ebda interess tkun taf x'inhuma stante li kulhadd hu suggett ghall-ligi u obbligat jobdi avviz biex jieqaf minn bini illegali u f'nuqqas ibati l-konsegwenzi ta' l-agir illegali tieghu;**

**Illi l-Awtorita` ta' l-Ippjanar waqqghet canopy quddiem ir-restaurant ta' l-istess rikorrent u sahansitra naddfet il-post quddiem l-istess restaurant;**

**Illi kien l-istess rikorrent illi ghazel li ma jergax jiftah ir-restaurant tieghu u ma giex impedut mill-istess Awtorita` li jkompli jopera l-istess restaurant.**

**Illi ma kien hemm ebda trattament inuman u la kien hemm ebda hsarat fil-proprjeta` ta' l-istess rikorrent kif fil-fatt qed jigi ppruvat fic-citazzjonijiet iktar 'l fuq imsemmija;**

**Illi ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 32A[2] tal-Kostituzzjoni stante li l-istess ma giex ipprivat mit-tgawdija tal-proprjeta' tieghu u cjoe` ir-restaurant izda biss itnehhietlu canopy illegali skond il-ligi;**

**Illi ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li ma gie privat minn ebda proprjeta` li kellu l-istess rikorrent izda tnehhietlu canopy illegali li kellu fuq bicca art tal-Gvern li ma kienitx proprjeta` ta' l-istess rikorrent;**

**Illi ma kien hemm ebda ksur ta' l-artikolu 45(1) u lanqas tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u ma saret l-ebda diskriminazzjoni kontra l-istess rikorrent;**

**Ghaldaqstant l-istess talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda.**

---

[2] Presumibbilment din hi referenza ghall-Artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi fid-diversi udjenzi; semghet ukoll lid-difensuri tal-partijiet (ghalkemm ghat-trattazzjoni finali deher biss id-difensur tar-rikorrent – ara l-verbal tat-22 ta' April, 2002, fol. 218 *et seq.*); ikkunsidrat:

**Il-Ligi**

Qabel xejn tajjeb li jigi precisat liema huma d-disposizzjonijiet tal-ligi li r-rikorrent qed jghid li gew lezi fil-konfront tieghu. Kif jidher car mit-talba fir-rikors promotorju – l-ahhar paragrafu tieghu, riprodott testwalment aktar 'l fuq f'din is-sentenza – ir-rikorrent Spiteri qed jallega ksur tal-Artikoli 32(a), 36(1), 37 u 45(1) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll l-Artikoli 3 u 14 u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghalkemm fl-ewwel paragrafu tar-rikors hemm accenn ghall-privazzjoni mid-dritt tas-smigh xieraq, ebda disposizzjoni tal-ligi ma giet invokata fit-talba, ghalkemm din il-Qorti sejra tinvesti xorta wahda l-kwistjoni ta' smigh xieraq.

L-Artikolu 32(a) tal-Kostituzzjoni ma hux artikolu li jikkonferixxi xi dritt azzjonabbli taht l-Artikolu 46(1) ta' l-istess Kostituzzjoni. Huma biss l-Artikoli 33 sa 45 li jikkonferixxu tali dritt. L-Artikoklu 33 huwa ta' natura dikjaratorja, intiz proprju biex jintroduci l-artikoli li jigu mmedjatament warajh. Ghalhekk dana l-artikolu, cioe` 33(a), ser jigi injorat ghall-finijiet ta' din il-kawza li evidentement qed issir, ghal dak li jirrigwarda l-Kostituzzjoni, taht l-Artikolu 46 ta' l-istess Kostituzzjoni.

L-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi ghal protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti. Din id-diposizzjoni tipprovdi testwalment hekk: *"Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal piena jew trattament inuman jew degradanti."* L-Artkiolu 37 jipprovdi protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta` bla kumpens; filwaqt li l-Artikolu 45(1) jipprovdi testwalment hekk: *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha."*

Kwantu ghall-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 3 hu kwazi identiku ghall-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni, u jipprovdi li *“Hadd ma ghandu jigi assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti.”* L-Artikolu 14, invece, jipprovdi li *“It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f’din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma’ minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor.”* L-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll, imbghad, jipprotegi t-tgawdija pacifika tal-“possedimenti” ta’ dak li jkun. Din il-Qorti sejra wkoll tirriproduci dina d-disposizzjoni testwalment peress li t-tielet parti taghha hija partikolarment importanti f’dan il-kaz: *“Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali. <u>Izda d-disposizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta`skond l-interess generali</u> jew biex jizgura l-hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Dawn huma, mela, l-artikoli tal-ligi li r-rikorrent qed jallega li gew vjolati fil-konfront tieghu. Kif inghad aktar ‘l fuq, fl-ewwel paragrafu tar-rikors tieghu huwa jghid ukoll li gie pprivat minn smigh xieraq u ghalkemm ma jinvoka ebda disposizzjoni partikolari ta’ ligi, din il-Qorti sejra tinvesti l-kwistjoni fid-dawl kemm ta’ l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

**<u>Il-fatti</u>**

Din il-kawza tirrigwarda xoghol ta’ demolizzjoni imwettaq mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fis-26 ta’ April, 1995 in konnessjoni ma’ proprjeta` fix-Xlendi. Mill-provi jirrizulta li r-rikorrent kien jiggestixxi ristorant fix-Xlendi, u f’xi zmien iddecieda li jaghmel estensjoni tal-lokal tieghu billi l-ewwel ghamel bhal speci ta’ pjattaforma tal-konkrit barra u

quddiem il-faccata ta’ l-istess lokal u wara ghalaq kollox bi struttura ta’ l-injam wara li hareg speci ta’ *canopy* jew veranda (ukoll ta’ l-injam) minn ma’ l-art tal-gallerija fl-ewwel sular. Kif kienet din l-istruttura jew estensjoni tal-hanut jidher car f’diversi ritratti ezibiti kemm mill-istess rikorrent kif ukoll mill-Awtorita` intimata – ara Dokti. DS1 u DS2, fol. 65; Dok. DS7, fol. 78; u Dok. JF1, fol. 204. Tinsab ukoll deskritta tajjeb fid-deposizzjoni ta’ Carl Scerri, partikolarment a fol. 122. F’dan l-ispeci ta’ *“conservatory”* hekk mahluq kien hemm bankijiet u mwejjed bhala estensjoni tar-ristorant. Ga fl-20 ta’ April, 1993 l-Awtorita ta’ l-Ippjanar kienet harget *stop notice* fir-rigward ta’ dan l-izvilupp, izda r-rikorrent xorta wahda baqa’ ghaddej ftit ftit bix-xoghol, l-ewwel tal-pjattaforma imbghad ta’ l-istruttura ta’ l-injam, sa ma lesta l-estensjoni kollha; u ghalhekk fit-3 ta’ Jannar, 1995 harget *stop and enforcement notice* – ara d-deposizzjoni ta’ Carl Scerri in kontro-ezami, fol. 126, u dik ta’ Mark Cini, fol. 144; ara wkoll id-Dok. VDG1 a fol. 150. Ir-rikorrent, fid-deposizzjoni tieghu a fol. 86, jammetti li din l-estensjoni kollha kienet bla permess ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar:

**“Qed nigi mistoqsi mill-Qorti jekk meta ghamilna l-veranda u l-platform jien ghan-nom tal-kumpanija jew ahna li konna qed niggestixxu dan ir-restaurant tlabniex xi permess. Nghid li iva, tlabna permess lill-Planning Authority. Jien nghid li t-talba ghall-permess lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ghamilniha fl-1992. Mistoqsi mill-Qorti jekk pero` l-permess ta’ l-Awtorita` tal-Ippjanar kien hareg qabel ma bdejna l-veranda, jew il-platform, jien nghid li effettivament kemm il-veranda u kif ukoll il-platform kienu bdew, anzi wahda minnhom il-veranda kienet saret qabel ma effettivament applikajna lill-Awtorita` tal-Ippjanar. Nghid li l-platform bdejna naghmluh ukoll qabel ma kellna l-permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar u dan peress li sa fejn naf jien konna gibna l-permess tal-Lands Department.”**

Peress li wara li kien hareg l-i*stop and enforecement notice* il-*canopy* ma kienitx tnehhiet mir-rikorrent u anqas kienet saret xi applikazzjoni biex tipprova tirregolarizza l-posizzjoni, l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar iddecidiet li

tiddemolixxi dina l-istruttura. S'intendi, biex titnehha l-*canopy* kellha titnehha l-istruttura kollha li kienet qed terfa' l-istess *canopy*, inkluzi l-pilastri vertikali. Kemm ix-xhud John Agius, *Senior Enforcement Officer* ma' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar (fol. 128), kif ukoll ix-xhud Mark Cini (fol. 144) spjegaw li sal-gurnata ta' qabel ma saret l-operazzjoni ta' demolizzjoni huma kienu ivverifikaw mar-registru tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar biex jaraw jekk kienx dahal xi appell mill-i*stop and enforcement notice* u kienu gew infurmati li ma kien hemm ebda appell simili. Kif inghad, fis-26 ta' April, 1995 saret l-operazzjoni ta' demolizzjoni ta' l-istruttura li kien hemm fuq il-pjattaforma taht is-supervizjoni tal-Perit Lucien Stafrace. Ir-rizultat tal-operazzjoni jinsab dokumentat fir-ritratti Dokti. DS8 (fol. 78), DS12 sa DS16 (fol. 82), KS1 (fol. 118), u JF2 u JF3 (fol. 205 u 206). Jirrizulta wkoll sodisfacentement pruvat li qabel ma dahlet il-gaffa biex taqla' dawk il-partijiet ta' l-istruttura li kienu b'xi mod imwahhla, tnehhew dawk l-oggetti – bhal imwejjed, bankijiet, *panels* bil-hgieg li kienu jaghlqu u jdwarru l-istruttura[3], apparat tal-arja kundizzjonata – li setghu jitnehhew bla ma jinkisru, u dan sar kemm mill-impjegati tar-rikorrent kif ukoll minn nies li kienu gabu maghhom l-ufficjali ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Xi jumejn jew tlieta wara, impjegati tal-Awtorita` regghu marru biex inehhu id-debri` li kien thalla (ara d-deposizzjoni ta' Joseph Penza, fol. 156). Kwantu ghall-pjattaforma, din kellha titnehha f'data sussegwenti izda, kif fissru kemm John Agius (fol. 129) kif ukoll Joseph Felice (fol. 207), ma tnehhietx fil-gurnata stabbilita mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar peress li nel frattemp kien inhareg mandat ta' inibizzjoni fir-rigward ta' l-istess pjattaforma.

**<u>Id-diversi lmenti</u>**

L-allegazzjoni ta' "nuqqas ta' smigh xieraq" maghmula fl-ewwel paragrafu tar-rikors hi bbazata, skond ir-rikorrent, fuq il-fatt li fil-gurnata li fiha saret id-demolizzjoni ta' l-istruttura in kwistjoni kien hemm appell mill-i*stop and enforcement notice* pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar, kif ukoll kien hemm xi kawzi ta' natura

[3] Ara wkoll ir-ritratti DS2 u JF1.

penali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Skond l-appellant, bil-agir taghha fis-26 ta' April, 1995 l-Awtorita` ipprivatu milli jkollu l-vertenza bejnu u bejn l-istess Awtorita` deciza "quddiem Tribunal imparzjali u ndipendenti". Dan l-ilment, pero`, huwa infondat. Huwa veru li r-rikorrent Spiteri ipprova jappella mill-imsemmija *stop and enforcement notice* quddiem l-imsemmi Bord, pero` l-appell tieghu, apparti li gie pprezentat lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar minflok lill-Bord – u dan jispjega ghala sas-26 ta' April il-Bord kien ghadu ma jaf xejn dwar l-ezistenza ta' dana l-appell – gie materjalment ippresentat biss fis-17 ta' Frar, 1995. Ir-rikorrent ma kienx f'posizzjoni jispjega min effettivament ha r-rikors il-Furjana jew il-Bank (ara d-deposizzjoni tieghu a fol. 87); pero` meta eventwalment l-appell gie a konjizzjoni tal-Bord (fl-10 ta' Lulju, 1995) u l-Bord iddecieda li jisimghu xorta wahda, il-partijiet qablu li l-appell kellu jitqies bhala li gie prezentat fis-17 ta' Frar, 1995, data li tikkorrispondi mat-timbru li jidher fuq il-fotokopja tar-rikors ta' appell a fol. 36. Dan il-qbil dwar din id-data jirrizulta mill-ewwel paragrafu tad-decizjoni tal-Bord (decizjoni tas-26 ta' Jannar, 1996) a fol. 16. B'dik id-decizjoni il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li l-appell kien gie prezentat fuori termine, u dan peress li, anke jekk wiehed kellu jiehu d-data tas-17 ta' Frar, 1995, ma kienx gie prezentat entro l-hmistax-il gurnata min-notifika tal-avviz ta' twettiq. Minn din id-decizjoni tal-Bord ma kien hemm ebda appell lill-Qorti ta' l-Appell. Ghalhekk ir-rikorrent ma jistax jghid li bl-agir taghha fis-26 ta' April, 1995 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ipprivatu milli jkollu l-vertenza dwar l-i*stop and enforcement notice* deciza minn tribunal imparzjali u indipendenti; kien huwa stess li ppriva lilu nnifsu mill-possibilita` ta' tali appell lill-Bord imsemmi peress li pprezenta r-rikors wara l-gheluq taz-zmien stabbilit skond il-ligi. Kwantu ghall-kawzi penali pendenti fis-26 ta' April, 1995, dawn jirrizulta li kienu erbgha, u kopji tac-citazzjonijiet relattivi jinsabu ezibiti a fol. 73 sa 76. Permezz ta' dawn ic-citazzjonijiet ir-rikorrent Spiteri (u, fil-kaz ta' tnejn minn dawn ic-citazzjonijiet, anke persuni ohra – Anthony Vella, Fr. Renato Valenti[4], u Shawn[5] Spiteri) gie msejjah biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet li jipotizzaw

[4] Jew Valente.
[5] Jew Sean.

diversi reati (ta' natura kontravvenzjonali) principalment in konnessjoni ma' xi haga li huwa kien, ripetutament, ghamel fi, fuq jew in konnessjoni ma' l-imsemmija pjattaforma, pero` anke talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija. F'dawn il-kawzi penali l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kienitx parti, ghalkemm, presumibbilment, il-Pulizija kienu ser itellghu ufficjali ta' l-imsemmija Awtorita` bhala xhieda. Il-vertenza f'dawn il-kawzi kienet, ghalhekk, jekk f'data jew dati partikolari kienx gie kommess reat jew reati specifici, bil-konkorrenza ta' l-element materjali u formali rikjest ghal kull wiehed minn dawk ir-reati. L-esistenza o meno ta' dawk ir-reati bl-ebda mod ma kienet tiddependi minn jekk tkunx ghadha tezisti, fid-data tas-smigh tal-kawza penali, l-istruttura li tnehhiet fl-operazzjoni tas-26 ta' April, 1995. Ghalhekk f'dana l-kaz ma tqum ebda kwistjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq, sia jekk taht il-Kostituzzjoni u sia jekk taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Kwantu ghall-allegazzjoni ta' trattament inuman jew degradanti, dana l-ilment huwa, fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed altament fieragh. L-operazzjoni kienet semplicement wahda ta' demolizzjoni ta' struttura mibnija illegalment. Din jirrizulta li saret bil-prudenza kollha mehtiega fic-cirkustanzi tal-kaz. Kif diga nghad, affarijiet li setghu jitnehhew minghajr ma ssirilhom hsara – bankijiet, imwejjed, *panels* li kienu jinqalghu, ecc. – tnehhew qabel ma dahlet il-gaffa. Jekk kien hemm xi nuqqas, fis-sens li ma intuzatx is-sengha u l-hila rikjesta f'operazzjonijiet ta' din ix-xorta b'mod li saret xi hsara li setghet giet evitata, r-rikorrent kellu dejjem ir-rimedju ta' kawza ghal danni – u fil-fatt mill-provi jirrizulta li kawza simili giet effettivament prezentata fil-Prim Awla. Din il-Qorti qrat aktar minn draba, u b'attenzjoni kbira, iz-zewg deposizzjonijiet tar-rikorrent moghtija fl-24 ta' April, 1998 (fol. 86 *et seq.*) u fil-5 ta' Gunju, 1998 (fol. 95 *et seq.*) izda ghadha ma tistax tifhem x'kien verament qed izomm lir-rikorrent milli jerga' jiftah ir-ristorant – minghajr l-estensjoni fuq barra li kien ghamel – ghan-negozju[6]. Dan il-punt qed jigi pprecizat

[6] Per ezempju, jekk, kif jirrizulta, il-provvista ta' l-elettriku kienet tnehhiet fis-26 ta' April, 1995 proprju minhabba l-operazzjoni ta' demolizzjoni (ara fol. 96), x'zamm lir-rikorrent milli jerga' jitlob li jigi ripristinat il-kurrent elettriku wara l-operazzjoni?

ghax l-appellant jallega fir-rikors promotur li hu, bl-agir ta' l-Awtorita`, "gie pprivat ukoll mill-possibilita` li jaqla' l-ghixien tieghu skond il-ligi". Dak li certament impressjona lil din il-Qorti huma l-esagerazzjonijiet – li effettivament jammontaw ghal fatti inveritjeri – fid-deposizzjoni tar-rikorrent. Hekk, per ezempju, jghid li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar gabet fuq il-post ghall-fini ta' demolizzjoni "suldati bil-*machine guns*" (fol. 89), fatt michud kategorikament mill-Ispettur Antonello Grech (fol. 108) li fisser li kullma kien hemm bhala membri tal-Forzi Armati kien Warrant Officer u xi zewg suldati (li hadd minnhom ma kien armat), u dan sabiex jekk il-haddiema tad-Dipartiment tax-Xogholijiet ghal xi raguni ma jhaddmux il-gaffa, din tkun tista' tithaddem mis-suldati. Ir-rikorrent qal ukoll li f'certu perjodu huwa kien ircieva diversi telefonati u ittri anonimi ta' theddid li kienet ser titwaqqalu l-veranda minhabba li kellu jitla' jixhed quddiem il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja fil-konfront ta' Magistrat. Ir-rikorrent baqa' ma pproduca anqas wahda minn dawn is-suppost ittri anonimi, u jirrizulta li anqas irrapporta dawn it-telefonati jew ittri lill-Pulizija. Id-deposizzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward mhux ta' min joqghod fuqha.

Din il-Qorti tifhem li r-rikorrent semma dawn is-suppost telefonati u ittri anonimi biex jipprova jikkonvinci lil din il-Qorti li l-operazzjoni ta' demolizzjoni kienet motivata minn xi forma ta' vendikazzjoni indirizzata fil-konfront tieghu. Jallega wkoll li d-demolizzjoni saret fil-konfront ta' din l-istruttura minhabba li r-ristorant tieghu kien jigi frekwentat minn nies prominenti ta' partit politiku partikolari (ara fol. 89 u 96-97), u li ghalhekk kien hemm diskriminazzjoni politika. Din l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, politika jew xort'ohra[7], ma giet b'ebda mod pruvata. Il-Qorti taghmel referenza ghad-deposizzjoni dettaljata tax-xhud, prodott mill-istess rikorrent, Carl Scerri, tas-26 ta' April, 1999, fol. 121 sa 126. Dana elenka diversi stabbilimenti li wkoll kellhom xi strutturi li kienu illegali, u li fil-konfront taghhom kollha ittiehdet xi forma ta' azzjoni. F'dawn il-kazijiet l-ohra kollha jew l-istruttura tnehhiet mis-sid jew il-posizzjoni

[7] Il-Konvenzjoni Ewropea tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni, a differenza ta' l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni fejn id-definizzjoni ta' diskriminazzjoni hija limitata – ara s-subartikolu (3) ta' l-imsemmi Artikolu 45.

kienet giet regolarizzata wara li kienet saret applikazzjoni skond il-ligi ghal dana l-fini. Fil-kaz tar-rikorrent, invece, mhux biss dana ma ottemperax ruhhu mal-ligi, izda minkejja d-divjet li huwa kellu baqa' xorta wahda ghaddej bl-izvilupp. L-operazzjoni ta' demolizzjoni, ghalhekk, b'ebda mod ma tista' titqies li kienet wahda diskriminatorja.

Fl-ahharnett, kwantu ghall-allegazzjoni li huwa gie pprivat mill-proprjeta` tieghu jew mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu, din l-allegazzjoni hija wkoll infondata. Ir-rikorrent b'ebda mod ma pprova li l-istruttura demolita kienet koperta bil-permess jew permessi mehtiega. Anke jekk id-demolizzjoni ta' dina l-istruttura tista' tikkwalifika bhala "tehid ta' pussess b'mod obbligatorju ta' proprjeta`" (minghajr kumpens), tali azzjoni hija koperta bl-eccezzjoni kontemplata fil-paragrafu (b)[8] tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Mill-banda l-ohra, l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, fit-tielet paragrafu tieghu, jippermetti li Stat jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skond l-interess generali. Ma hemm ebda allegazzjoni li l-ligi li a bazi taghha saret id-demolizzjoni tal-istruttura meqjusa illegali ma hijiex ligi maghmula fl-interess generali. Konsegwentement anke din l-allegazzjoni hija infondata.

**<u>Decide</u>**

Ghall-motivi premessi, tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu."

**<u>II. L-APPELL</u>**

3. Appella minn din is-sentenza r-rikorrent Domenico Savio sive Savio Spiteri b'rikors ipprezentat quddiem din il-Qorti fit-8 ta' Mejju 2003. Ghar-ragunijiet esposti minnu dettaljatament fl-istess rikors (ara fol. 251 *et sequitur*) l-appellant qieghed jitlob li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-28 ta' April 2003 u tiddikjara li l-intimati bl-agir taghhom kisru l-Artikoli 36(1), 37, 39(2) u 45(1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikoli 3, 6 u 14 ta' l-ewwel

[8] "…bhala konsegwenza ta' ksur tal-ligi…".

skeda kif ukoll Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq u tizgura t-twettiq ta' l-Artikoli fuq imsemmija tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u taghti dawk il-provvedimenti u r-rimedji neccessarji opportuni.

4. Kemm l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll l-Avukat Generali kkontestaw l-appell b'risposti, ipprezentati minnhom rispettivament fl-4 ta' Mejju 2003 (ara fol. 274 *et seq*) u fis-27 ta' Mejju 2003 (ara fol. 285 u 286). F'dawn ir-risposti taghhom l-intimati rribattew il-lanjanzi mressqa mill-appellant u sostnew li s-sentenza appellata kienet wahda gusta u ghalhekk timmerita konferma. Huma talbu li din il-Qorti joghogobha tichad l-appell intavolat mill-appellant.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Ma hemmx ghalfejn li din il-Qorti ttenni dettaljatament il-fatti li taw lok ghall-kaz odjern, ghaliex dawna jinsabu elaborati bazikament b'mod korrett fis-sentenza appellata fuq riprodotta. Bizzejjed jinghad hawn li l-appellant kien jiggestixxi ristorant fix-Xlendi. Kien akkwista minghand il-*Lands Department on encroachment terms* permess niex ipoggi numru ta' imwejjed u siggijiet quddiem l-istabbiliment gestit minnu. Sussegwement bena pjattaforma taht dawn l-imwejjed u siggijiet. Ftit ftit kompla bix-xogholijiet billi bena ilqugh ta' l-injam mad-dawra tal-pjattaforma, u aktar tard bena *canopy* li tisporgi minn taht il-gallerija ta' l-ewwel sular u tkopri l-istess pjattaforma. Imbaghad ghalaq din l-istruttura b'mod li krea bhal speci ta' *conservatory*, li effettivament kienet isservi ta' estensjoni fuq art pubblika tar-restorant gestit mill-appellant. Iz-zewg ritratti dokumenti DS1 u DS2 a fol. 65 tal-process jaghtu ideja tajba hafna ta' kif kienet din l-istruttura li nbniet ftit ftit mill-appellant.

6. Jirrizulta li dawn ix-xogholijiet kollha saru minghajr permess ta' l-Awtorita` kompetenti. Fl-20 ta' April 1993 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar harget *stop notice* li giet injorata

mill-appellant. Il-Pulizija ezekuttiva harrket lill-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex diversi drabi (ara t-tahrikiet datati rispettivament 8 ta' Gunju 1993, 8 ta' Novembru 1993, 8 ta' Lulju 1994 u 9 ta' Lulju 1994 a fol. 74 *et seq*. tal-process) in konnessjoni max-xogholijiet li kien qed jaghmel l-appellant bla permess ta' l-Awtoritajiet kompetenti. Fit-3 ta' Jannar 1995 l-Awtorita` ta' l-Ippjanar harget *stop and enforcement notice* (ara l-kopja a fol. 150 tal-process) li biha l-appellant gie ordnat, *inter alia*, biex iregga lura kull haga li ghamel minghajr permess fl-istat originali taghha u dan fi zmien wiehed u ghoxrin gurnata. L-appellant ressaq appell minn dan l-Avviz tat-Twettiq fis-17 ta' Frar 1995. Madanakollu dan l-appell tressaq quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar meta l-istess appell kellu skond il-ligi jitressaq quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar. Jirrizulta mill-kopja tad-decizjoni ta' dan il-Bord li nghatat fis-26 ta' Jannar 1996 (ara fol. 16 *et seq.*) li l-imsemmi appell wasal ghand il-Bord in kwistjoni fl-10 ta' Lulju 1995, li ttrattah, bi qbil bejn il-partijiet daqs li kieku li l-Bord kien ircevieh fi 17 ta' Frar 1995. B'din id-decizjoni l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar sab li l-appellant ma osservax it-terminu impost mil-ligi, cioe` dak ta' hmistax-il gurnata mid-data tan-notifika ta' l-Avviz tat-Twettiq, u ghalhekk l-appell ma kellu ebda rizultat pozittiv ghaliex dan sar *fuori termine*.

7. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar innotat li l-appellant baqa' inadempjenti nonostante diversi twissijiet ohra li l-ufficjali taghha kienu taw lill-appellant. Peress li l-istruttura li bena l-appellant baqghet eretta bla qatt ma hareg permess mill-Awtorita` kompetenti ghaliha, l-istess Awtorita` Appellata ddecidiet li d-demolizzjoni taghha taghmilha hija stess, kif effettivament ghamlet fis-26 ta' April 1995.

8. Minn din id-demolizzjoni origina l-kaz odjern li bih l-appellant allega vjolazzjoni ta' diversi Drittijiet tal-Bniedem imsemmija minnu fir-rikors promotur. Kif rajna, l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet kollha ta' l-appellant billi ma sabet li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-ligijiet relevanti.

9. L-appellant ittratta l-agravji tieghu f'erba' taqsimiet, kull wahda tikkoncerna dritt fundamentali partikolari li l-

appellant jallega li gie vjolat mill-appellati. Din il-Qorti sejra tikkonsidra u tittratta dawn l-aggravji wiehed wiehed ezattament kif elenkahom l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu.

**A) Smiegh Xieraq**

10. Fi kliem l-appellant stess dana l-aggravju jikkonsisti fis-segwenti:

"Ghar-rigward tan-nuqqas tas-smiegh xieraq, fil-mument illi sar ix-xoghol ta' demolizzjoni imwettaq fis-26 ta' April 1995 jirrizulta bhala fatt innegabbli illi l-appell tar-rikorrenti mill-istop and enforcement notice quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar li gie pprezentat fis-17 ta' Frar 1995 kien ghadu pendenti u kien biss b'decizjoni tal-Bord tas-26 ta' Jannar 1996 li gie deciz mill-Bord li l-appell ma giex milqugh billi kien gie pprezentat fuori termine.

Inoltre l-erba' kawzi penali mill-Pulizija kontra l-esponenti in konnessjoni kemm mal-canopy kif ukoll mal-pjattaforma li gew instigati mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienu kollha ghadhom pendenti u fil-fatt kollha gew decizi snin wara l-gurnata li fiha saret id-demolizzjoni ta' l-istruttura in kwistjoni.

Minbarra dan kemm l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kif ukoll il-Pulizija kienu ghamlu dikjarazzjoni solenni fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni Numru 454/1995 li kienu sejrin jistennew l-ezitu ta' l-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar (nonostante li kien fuori termine [Dok TDD u TDE]).

Illi b'hekk in-nuqqas tas-smiegh xieraq huwa lampanti kif gie ritenut fil-guris prudenza taghna minn dina l-istess l-Onorabbli Qorti.

Ghalhekk il-premessa ta' l-ewwel Onorabbli Qorti illi "l-ezistenza ommeno ta' dawk ir-reati bl-ebda mod ma kienet tiddependi minn jekk tkunx ghadha tezisti, fid-data tas-smiegh tal-kawza penali, l-istruttura li tnehhiet fl-operazzjoni tas-26 ta' April, 1995" hija ghal kollox superfluwa.

Del resto l-appell tar-rikorrent mill-istop and enforcement notice quddiem il-Bord ta’ l-Appelli, kif jirrizulta mill-provi, fil-fatt kien gie pprezentat lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar minflok lill-Bord u jekk il-Bord kien ghadu ma jaf xejn dwar l-ezistenza ta’ dana l-Appell, certament l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kienet ben konxja ta’ l-appell tar-rikorrent u kien missha hi stess infurmat u ghaddiet minnufih l-istess appell tar-rikorrent lill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar illi qeghdha biswit l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar.”

11. L-appellant qieghed jikkontendi bazikament li d-demolizzjoni ta’ l-istruttura in kwistjoni, liema demolizzjoni sehhet meta huwa kellu pendenti dwarha Proceduri Gudizzjarji kemm kriminali u kemm quddiem il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar kien operat ta’ l-intimati li vvjola kemm l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 6 ta’ l-ewwel Skeda anessa mal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jallega li l-istess demolizzjoni vvjolat id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq quddiem dawk it-Tribunali.

12. Din il-Qorti jidhrilha li fl-isfond tal-fatti, dana l-aggravju m’huwiex gustifikat u dana ghas-segwenti ragunijiet:

a) id-demolizzjoni saret mill-Awtorita` appellata fl-ezercizzju ta’ poter regolatorju moghti lilha mill-ligi, fl-interess pubbliku biex hija tkun tista’ trazzan abbuzi edilizji. Huwa risaput li dan l-ezercizzju tal-poter isir fuq responsabbilita` ta’ l-Awtorita` intimata, li certament ma hijiex ezentata mil-ligi milli twiegeb ghall-ghemil taghha quddiem il-Qrati jekk ikun jirrizulta li din tkun ezercitat dak il-poter b’mod abbuziv jew b’eccess ta’ poter. Id-demolizzjoni in kwistjoni, perse`, certament ma tistax titqies li hija operat li bih gew determinati xi drittijiet jew obbligi civili jew penali ta’ l-appellant. B’hekk fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, il-fatt li kien hemm pendenti l-proceduri gudizzjarji msemmija mill-appellant meta saret id-demolizjoni in kwistjoni, ma effetwa bl-ebda mod id-dritt ta’ l-appellant ghal smiegh xieraq.

b) Effettivament kien l-appellant stess li ma utilizzax sewwa l-proceduri li l-Ligi ta’ l-Ippjanar kienet tipprovdi

biex huwa seta' kellu smiegh xieraq quddiem it-Tribunal Amministrattiv krejat bl-istess Ligi ta' l-Ippjanar. Hawnhekk din il-Qorti qeghdha tirreferi ghal zewg proceduri li l-appellant seta' utilizza fit-terminu ta' hmistax-il gurnata zmien min-notifika ta' l-avviz biex tieqaf u tat-twettiq li l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet hadet kontrih fit-3 ta' Jannar 1995. Infatti irrizulta li l-appellant utilizza wahda minn dawn il-proceduri pero` minflok ma pprezenta l-appell minn dan l-avviz tat-twettiq quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar kif kellu jaghmel skond il-ligi, l-appellant ipprezentah hazin billi pprezentah quddiem l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Aktar minn hekk huwa pprezenta dan l-appell manifestament hazin ghaliex ipprezentah meta l-imsemmija hmistax-il gurnata kienu lahqu skadew. Il-Bord ta' l-Appell dwar l-ippjanar kellu s-setgha li jhassar l-istess avviz tat-twettiq jekk kien jirrizultalu li l-izvilupp in kwistjoni kien kopert debitu permess ta' l-izvilupp jew jekk ghal dak l-izvilup ma kienx jenhtieg ebda permess. L-appellant kellu disponibbli ghalih proceduri ohra u cioe` dik li fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika ta' l-imsemmi avviz tat-twettiq, issir applikazzjoni lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar talba li lill din l-Awtorita` li tohrog permess ta' l-izvilupp fuq il-bini illegali li jkun imsemmi fl-avviz tat-twettiq. Waqt li dik l-applikazzjoni tkun ghadha pendenti l-avviz in kwistjoni ma jkunx jista' jigi esegwit u jekk eventwelment jinhareg il-permess ta' l-izvilupp, l-istess avviz evidentement ma jibqax effettiv. Ma jirrizultax li l-appellant ghamel uzu minn din il-procedura.

c) Ir-referenza ta' l-appellant ghad-dikjarazzjoni tal-pulizija u ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 454/1995 u li ssemmiet fl-aggravju fuq riprodott ta' l-appellant, hija ghal kollox irrelevanti u skorretta. Jirrizulta li meta saret id-demolizzjoni in kwistjoni l-pjattaforma tal-konkrit ma gietx imnehhija. Din il-pjattaforma tnehhiet xi snin wara li saret id-demolizzjoni meritu ta' din il-kawza u ghalhekk il-lanjanza mressqa mill-appellant f'dan l-aggravju hija assolutament bla ebda bazi.

**<u>B) Trattament Inuman jew Degredanti</u>**

13. L-appellant jelabora hekk dwar dana l-aggravju tieghu:

“Mill-provi migbura u specjalment mir-ritratti esebiti huwa car li d-demolizzjoni ta’ l-istruttura mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ma saritx bil-prudenza kollha mehtiega. Ghalkemm tnehhew xi affarijiet mobbli, l-istruttura ta’ l-injam li kienet tifforma parti mill-canopy tnehhiet bil-gaffa bl-aktar mod distruttiv kif jidher mill-herba totali wara li saret id-demolizzjoni. Il-prudenza u l-arti u s-sengha kienu jirrikjedu li l-boltijiet li biha l-istruttura ta’ l-injam kienet imwahhla mal-bini kienu jinhallu u jitnehhew u mhux jinqalghu permezz ta’ gaffa bil-forza b’tali mod u manjiera illi saret hsara estensiva fil-bini partikolarment fis-soqfa li gew mghollijin mill-gaffa b’kollox.

L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fl-operazzjoni ta’ demolizzjoni marret ferm oltre l-limiti tal-prudenza mehtiega f’operazzjoni simili u certament ma kellhiex bzonn daqstant ingenji goffi li marru fuq il-post akkumpanjati minn daqshekk haddiema tad-Dipartiment tax-Xogholijiet u membri tal-Forzi Armati minn barra l-Pulizija li kienu fuq il-post li b’dan kollu kien jammonta ghal eccess ta’ forza u mizuri ferm sproporzjonati specjalment fic-cirkostanzi attwali fejn il-haddiema ta’ l-esponent ikkoperaw bis-shih u ghenu biex jitnehhew xi affarijiet mobbli u l-esponent innifsu ma offra ebda rezistenza u ma ghamel l-ebda provokazzjoni minkejja t-trattament inuman u degradanti li ntuzaw fil-konfront tieghu qisu kien wiehed mill-akbar kriminali meta fir-realta` kien biss akkuzat b’kontravenzjonijiet biss u l-ebda rejat gravi. Kull min kien prezenti waqt din l-operazzjoni grandjuza ta’ demolizzjoni kien ikun imbarazzat ghall-ahhar u wiehed kien jahseb li saret xi illegalita` kbira liema bhala.

Minhabba l-mod distruttiv li biha twettqet l-operazzjoni ta’ demolizzjoni mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar saret hsara estensiva fis-soqfa tal-bini li gie ddikjarat fi stat imminenti ta’ periklu kbir u minhabba l-eluf kbar ta’ liri li kienu mehtiega sabiex isiru r-riparazzjonijiet kollha mehtiega r-rikorrent gie pprivat ukoll mill-possibilita` li jaqla’ l-ghixien tieghu. Ir-Ristorant baqa’ maghluq billi r-rikorrent ma setax jirranga ghall-finanzjament necessarju biex il-hsarat fil-bini jissewwew, stante l-ammont ta’ flus involuti u l-proceduri tas-Subbasta mill-Bank tieghu.

Ir-rikorent uza r-rimedju ta' kawza ghal danni kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar, liema kawza pero` ghada wkoll pendenti (Citazzjoni Numru 676/95 GCD). Izda l-ebda agir ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li kkagunat danni lill-esponenti ma tiggustifika trattament inuman u degredanti mill-istess Awtorita`."

14. L-ewwel Qorti sabet li dan l-ilment ta' l-appellant, bazat fuq l-Artikolu 36(1) tal-Kostituzzjoni, u l-Artikolu 3 ta' l-ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kien "wiehed altament fieragh". Din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahli hafna zmien fuq dan l-aggravju ghaliex hija taqbel sostanzjalment ma' l-imsemmija konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti. Infatti jirrizulta li nstemghu hafna provi dwar kif ezattament giet ezercitata l-operazzjoni tad-demolizzjoni. Huwa veru li hemm certu konflitt fil-provi. Per ezempju l-*enforcement officer* John Agius a fol. 129 jghid li huma kienu hadu l-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jimminimizzaw il-hsara waqt li l-Perit Carmelo Borg a fol. 115 xehed li fil-fehma tieghu l-hsarat setghu jigu evitati jew ghal anqas minimizzati kieku l-istruttura li kien tnehhiet forsi b'mod differrenti u b'aktar attenzjoni. Madanakollu anke jekk hemm certu konflitt fil-provi dwar il-metodu tad-demolizzjoni uzat mill-Awtorita` appellata certament l-operat ta' din l-Awtorita` zgur li ma jistax jigi ttimbrat bhala li kkawza trattament inuman jew degredenti fid-dawl ta' kif dan id-dritt fundamentali huwa delinejat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna kif ukoll dawk ta' l-Organi ta' Strasbourg. Jirrizulta li l-appellant uza r-rimedju ta' kawza ghad-danni kontra l-Awtorita` ta' l-Ippjanar fil-kawza Citazzjoni Numru 676/95 u certament dan huwa rimedju effettiv fil-kaz li jirrizulta li l-Awtorita` appellata eccediet il-poteri moghtija lilha mill-ligi.

**(C) Diskriminazzjoni**

15. Dana l-aggravju huwa formolat mill-appellant, fi kliemu stess, hekk:

"Mix-xhieda ta' Carl Scerri prodott mir-rikorrent stess gie ammess minn ufficjal mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar li kien hemm elenku shih ta' diversi stabbilimenti li kellhom xi strutturi li kienu llegali, uhud minnhom simili jekk mhux

identici ghall-istruttura ta’ l-injam tar-rikorrent, li whud minnhom ukoll baqghu ghaddejjin bl-izvilupp u kienu gew kompletati bhal fil-kaz tar-rikorrent stess. Izda f’dawn il-kazijiet l-ohra ma saret l-ebda operazzjoni ta’ demolizzjoni grandjuza kif saret fil-kaz tar-rikorrent.

Anzi filwaqt li l-istrutturi l-ohra ta’ stabbilimenti ohra eventwalment gew sanati billi mhargu l-permessi ex post facto u ma ntmessewx mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar. Minflok fil-kaz tar-rikorrent l-applikazzjoni originali tieghu ghall-permess giet rifjutata u saret id-demolizzjoni mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ta’ l-istruttura in kwistjoni – u dan, filwaqt li, 1) l-applikazzjoni tieghu ghall-permess relattiv kienet ghadha pendenti, 2) l-appell tieghu mill-istop and enforcement notice (minkejja li kien tardiv), kien ghadu pendenti quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar, 3) l-erba’ kawzi ta’ natura penali ta’ l-esponenti kienu kollha ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-mument li saret l-operazzjoni ta’ demolizzjoni u 4) l-istess Awtorita` ta’ l-Ippjanar u l-Pulizija kienu formalment iddikjaraw fl-atti tal-mandat ta’ inibizzjoni fuq imsemmija li kienu sejrin jistennew l-ezitu ta’ l-appell tar-rikorrent quddiem il-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar (minkejja li kien tardiv qabel ma tkompli bit-twettieq ta’ l-avviz u kwindi bid-demolizzjoni ta’ l-istruttura in kwistjoni. Dan kollu jammonta ghal diskriminazzjoni mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar fil-konfront ta’ l-esponenti kontra d-disposizzjonijiet kemm tal-Kostituzzjoni kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea.”

16. L-appellant qieghed jallega vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 45(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll ta’ l-Artikolu 14 ta’ l-ewwel Skeda annessa mal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi kollha li tressqu fil-process dwar dan l-aspett u waslet ghall-istess konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti u cioe` li l-appellant ma gab l-ebda prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjoni tieghu li fl-operat taghha l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar appellata kienet animata minn xi diskriminazzjoni politika jew xort’ ohra. Din il-Qorti m’ghandha xejn ta’ utilita` x’izzid ma’ dak li qalet l-ewwel Qorti hlief li mix-xhied ta’ l-*enforcement officer* John Agius

a fol. 130 tal-process jirrizulta li l-istruttura li bena l-appellant ma kinitx sempliciment *canapy* izda invece kienet estensjoni ta' Restorant ghaliex kienet kompletament *enclosed*. Huwa zied jghid hekk:
"Jiena sa fejn naf jien ma kien hemm l-ebda struttura simili ghal dik tar-rikorrent"

Huwa zied jghid li d-decizjoni biex l-istruttura li bena l-appellant tigi demolita ttiehdet sempliciment ghal "Planning Reasons".

**<u>(D) Privazzjoni mit-Tgawdija Pacifika tal-Possedimenti</u>**
17. L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa hekk imfisser minnu:

"L-istruttura demolita ghalkemm ma kinitx koperta bil-permess mehtieg kienet effettivament qed tistenna li tigi approvata t-talba ghall-permess li r-rikorrent kien ghamel lill-Awtorita` ta' l-Ippjanar.

La l-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-Artikolu 1 ta' l-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, fit-tielet paragrafu tieghu, citati mill-ewwel Onorabbli Qorti ma jikkwalifikawx bhala eccezzjonijiet validi ghall-privazzjoni mill-proprjeta` tieghu jew mit-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu li rrizultat ukoll billi bl-agir ta' l-intimati u bil-hsarat estensivi kkagunati minnhom r-rikorrent sahansitra tilef il-mezz li jikseb l-ghixien tieghu u dana bi ksur tad-Drittijiet u Libertajiet fundamentali kif garantiti milll-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem".

18. Il-provi akkwiziti fil-process juru minghajr ombra ta' dubju li l-istruttura li bena l-appellant bnieha fuq art pubblika u bla ma qatt inghata permess mill-Awtorita` kompetenti biex jibniha. Huwa inghata diversi twissijiet biex jottempera ruhu mal-Ligi u nghata ampja opportunita` li jizmantella hu stess l-istruttura li bena abbuzivament pero` naqas li jaghmel dan. Id-demolizzjoni li saret mill-Awtorita` appellata ma tistax titqies li saret bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ghaliex l-ghemil taghha huwa kopert bil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-

Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Lanqas ma jista' jitqies li l-Awtorita` appellata vvjolat l-ewwel Artikolu ta' l-ewwel Protokoll anness mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ghaliex it-twaqqiegh ta' l-istruttura mibnija illegalment mill-appellant saret in ezekuzzjoni tal-poteri li l-Awtorita` appellata nghatat biex tikkontrolla l-abbuz edilizju u dan fl-interess generali. Kif intqal aktar qabel f'din is-sentenza l-Awtorita` appellata tkun pjenament passibbli biex tirrizarcixxi kwalunkwe danni li hija tikkawza bl-esekuzzjoni tal-poteri taghha taht il-Ligi fil-kaz li jkun provat li hija tkun ghamlet uzu eccessiv jew abbussiv mill-istess poter moghti lilha mil-Ligi. Fil-fatt l-appellant odjern jirrizulta li ghamel allegazzjoni f'dan is-sens kontra l-Awtorita` appellata u istitwixxa ukoll proceduri ghad-danni kontriha li din il-Qorti ma gietx infurmata dwar l-ezitu taghhom. Konsegwentement se mai l-appellant ghandu dritt ghal rimedju ordinarju u mhux ukoll ghal dritt kostituzzjonali jew konvenzjonali kif huwa qieghed jitlob bil-proceduri odjerni.

19. Isegwi li ebda wiehed mill-aggravji mressqa mill-appellant ma gie gustifikat u ghalhekk l-appell intentat minnu ma jistax jintlaqa'.

20. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta' l-appellant Domenico Savio sive Savio Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------